*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (*trade marks* u disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

*Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza:* Atlas Copco AB (Stokkolma, L-Iżvezja) (rappreżentanti: R.Meade, barrister, u M.Gilbert, solicitor)

**Suġġett tal-kawża**

Tlettax-il rikors ippreżentat, rispettivament, kontra d-Deċiżjonijiet ta' l-Ewwel Bord ta' l-Appell ta' l-UASI tad-19 ta' April (R 727/2004-1, R 729/2004-1, R 723/2004-1, R 730/2004-1 u R 724/2004-1), tas-27 ta' April (R 722/2004-1) u tat-3 ta' Mejju 2005 (R 788/2004-1, R 789/2004-1, R 790/2004-1, R 791/2004-1, R 792/2004-1, R 793/2004-1 u R 794/2004-1), relattivi għal proċeduri ta' oppożizzjoni bejn Atlas Copco AB u The Black & Decker Corporation.

**Dispożittiv tas-sentenza**

1) *Ir-rikorsi huma miċħuda.*

2) *Ir-rikorrenti għandha tbati l-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 205 ta' l-20.8.2005.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-10 ta' Mejju 2007 — Antartica vs L-UASI — Nasdaq Stock Market (nasdaq)**

**(Kawża T-47/06)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedura ta' oppożizzjoni — Talba għal trade mark Komunitarja figurattiva nasdaq — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti NASDAQ — Raġuni relattiva għar-rifjut — Reputazzjoni — Artikolu 8(5) tar-Regolament KE 40/94")***

(2007/C 140/37)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Antartica Srl (Ruma, L-Italja) (rappreżentant: E. Racca, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (*trade marks* u disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

*Parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord ta' l-Appell tal-UASI intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza:* The Nasdaq Stock Market, Inc. (Washington, DC, L-Istati Uniti) (rappreżentanti: J. van Manen u J. Hofhuis, avukati)

**Suġġett tal-kawża**

Rikors għal annullament tad-deċizjoni tat-Tieni Bord ta'Appell tal-UASI tas-7 ta' Diċembru 2005 (kawża R 752/2004-2), dwar proċedura ta' oppożizzjoni bejn The Nasdaq Stock Market, Inc. u Antartica Srl

**Dispożittiv tas-sentenza**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Antartica Srl hija ordnata tbati l-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 74 tal-25.3.2006

---

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-23 ta' April 2007 — SID vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-30/03)** ([1])

***("Għajnuna mogħtija mill-Istat — Deċiżjoni li ma tqajjimx oġġezzjonijiet — Rikors għal annullament — Ammissibbiltà — Kunċett ta' interessat — Sindakat ta' ħaddiema")***

(2007/C 140/38)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Specialarbejderforbundet i Danmark (SID)( Kopenhagen, Danimarka ) (rappreżentanti: P. Bentley, QC, A. Worsøe u F. Ragolle, avukati )

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: inizjalment H. van Vliet, u wara N. Khan, aġenti )

*L-intervenjenti li jsostnu lill-konvenuta*: Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentant: J. Molde, aġent) u r-Renju tan-Norveġja (rappreżentant I. Høyland, aġent)

**Suġġett tal-kawża**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2002) 4370 finali, tat-13 ta' Novembru 2002, li ma tqajjimx oġġezzjonijiet fir-rigward tal-miżuri fiskali Daniżi applikabbli lill-baħrin impjegati fuq vapuri mniżżla fir-reġistru internazzjonali Daniż.